# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO, B.A.(HONS), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS, B.A., LL.D.**
**ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI, B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 30 ta' Mejju, 2001**

**Numru 24**

**Cit. Nru. 93/98 AJM**

**Freeport Terminal (Malta) p.l.c.**

**vs**

**Union Haddiema Maghqudin**

**<u>L-Att tac-Citazzjoni</u>**

Is-socjeta' attrici pprocediet kontra l-Union Haddiema Maghqudin b'dan l-Att tac-Citazzjoni:-

> "L-attur wara li ppremetta illi l-kumpanija attrici topera l-facilitajiet tal-port maghruf bhala "Malta Freeport" fil-Port ta' Marsaxlokk; illi l-Union konvenuta ghandha l-gharfien ewlieni ghar-rigward kwazi l-kategoriji kollha ta' l-impjegati tal-kumpannija attrici u bejn l-kumpannija attrici w l-Union konvenuta hemm fis-sehh ftehim kollettiv; illi nghataw direttivi u ttiehdu azzjonijiet mill-

Union konvenuta fil-konfront tal-kumpannija attrici fosthom biex jitwaqqaf il-hrug u dhul ta' containers destinati ghal, u mis-suq lokali ghar-raguni li l-Union konvenuta qed topponi l-mizuri introdotti mill-Gvern fil-"budget" 1997/1998; illi l-agir fuq imsemmi da parti tal-Union konvenuta huwa agir abuziv u illegali inter alia ghaliex jikkonsisti fi ksur tal-ftehim kollettiv u ghaliex ma tezisti ebda tilwima ta' xoghol skond id-disposizzjonijiet tal-Att dwar Relazzjonijiet Industrijali (Kap 266 tal-Ligijiet ta' Malta); illi, inoltre u minghajr pregudizzju ghal-premess, certu direttivi u azzjonijiet tal-Union konvenuta huma fihom infushom illegali bhal per ezempju l-imblukkar tal-"gate" tal-"Malta Freeport"; illi l-istess agir tal-Union konvenuta ikkawzat u qed tikkawza danni ingenti lill-kumpannija attrici inkluz il-possibilita' ta' telf ta' kuntratti ma' klienti taghha; talab li din il-Qorti:-

1. tiddikjara, jekk hemm bzonn, li d-direttivi u l-azzjonijiet fuq imsemmija tal-Union konvenuta fil-konfront tal-kumpannija attrici jikkonstitwixxu agir illegali u abuziv bi ksur tal-ftehim kollettiv u minghajr ma tezisti tilwima ta' xoghol a tenur ta' l-Att dwar Relazzjonijiet Industrijali (Kap 266 tal-Ligijiet ta' Malta);

2. tiddikjara lill-Union konvenuta responsabbli ghad-danni sofferti mill-kumpannija attrici bhala rizultat ta' l-agir abuziv u illegali fuq imsemmi;

3. tillikwida d-danni fuq imsemmija sofferti mill-kumpanija attrici.

4. tikkundanna lill-Union konvenuta thallas lill-kumpannija attrici s-somma likwidata in linea ta' danni.

Bl-ispejjez u l-imghax legali kontra l-Union konvenuta".

## Eccezzjonijiet

Il-Union konvenuta hekk eccepiet ghat-talbiet attrici:-

"1. Illi l-pretenzjonijiet ta' l-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes.

2. Illi bil-hrug tad-direttivi kif jinghad fic-citazzjoni l-eccipjenti ma mxewx b'mod abbuziv jew illegali kif ser jigi muri.

Illi, fil-qosor, l-agir ta' l-eccipjenti jaqa' taht il-provvedimenti tal-Kap 266 billi:-

a) Hemm tilwima industrijali mal-Gvern ta' Malta fir-rigward ta' talba min-naha ta' l-eccipjenti illi l-pagi tal-haddiema, partikolarment tal-Gvern izda ukoll dawk in generali, jigu mizjuda b'Lm2 fil-gimgha sabiex ikun hemm kumpens ghall-awment fil-prezzijiet ta' dawl u ilma jew, jekk ikun izjed prattikabbli, illi l-awment tat-tariffi jsir fuq perjodu ta' hames snin, liema awment sar minhabba cirkostanzi li ghandu kontroll assolut fuqhom il-Gvern stess u dwar liema tilwima il-Gvern kien debitament notifikat.

b) din it-tilwima taqa' fid-definizzjoni ta' "tilwima industrijali" kif provdut fl-art. 2 (1) tal-Kap 266 u ghalhekk l-istess tilwima hija koperta mill-provvedimenti tal-Kap 266.

c) Galadarba it-tilwima hija koperta mil-Kap 266, jigu fis-sehh il-provvedimenti ta' l-Art. 17 u 18 (1) (a) u (c), fejn ma tistax tinsab responsabbilta' u ma tista' tittiehed l-ebda azzjoni dwar il-konsegwenzi ta' delitt jew kwazi-delitt meta azzjoni tkun biex titmexxa 'l quddiem tilwima ta' xoghol. Dan il-kaz jaqa' precizament taht dawn l-artikoli, specjalment peress illi l-Union ma ghandha ebda irbit mod iehor ma' l-atturi fuq dan is-suggett u ghalhekk kwalunkwe azzjoni ghad-danni trid tkun ibbazata fuq responsabbilita' ghal delitt jew kwazi delitt, liema responsabbilita' hija eskluza *ope legis*.

3. Illi in oltre, l-atturi jridu igibu prova illi hemm nexus legali bejn id-direttivi li nghataw u xi danni li allegatament qeghdin isofru, kif ukoll jekk ikun il-kaz, iridu jgibu prova tal-quantum tad-danni".

**Verbali**

Fil-verbal ta' l-udjenza tad-19 ta' Jannar, 1998, gie verbalizzat li l-partijiet qablu li f'dak l-istadju l-Qorti kellha tillimita ruhha ghall-ewwel zewg talbiet tac-citazzjoni. Din id-domanda giet sussegwentement

varjata fl-udjenza ta' l-20 ta' Jannar, 1998, meta, kif jidher mill-verbal ta' dakinhar, il-Qorti ntalbet li taghti sentenza fuq l-ewwel talba attrici kif effettivament thalliet il-kawza f'dik l-istess udjenza.

**Decide**

B'sentenza tat-23 ta' Jannar, 1998, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, filwaqt li cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenut rigwardanti l-ewwel talba attrici, laqghet l-istess talba u konsegwentement iddikjarat li d-direttivi u l-azzjonijiet mehuda mill-Union Haddiema Maghqudin fil-konfront tal-kumpanija attrici kienu jikkostitwixxu agir illegali u abuziv u ddifferiet il-kawza ghall-kontinwazzjoni quddiemha. L-ispejjez tal-kawza sa fejn deciza f'dik is-sentenza kienu ghall-konvenut.

**Motivazzjoni tas-sentenza appellata**

L-ewwel Qorti hekk immotivat is-sentenza taghha:-

> "Illi fil-"Budget" ghas-sena 1998 li gie imxandar fis-seduta parlamentari tal-5 ta' Novembru, 1997, il-Ministru tal-Finanzi habbar diversi mizuri intizi sabiex "jistabilizza l-qaghda finanzjarja prekarja tal-pajjiz". Fost dawn il-mizuri kien hemm prospettati ziediet fil-prezz ghal konsum tad-dawl u l-ilma, tariffa ghad-drenagg, zidiet fil-prezz tal-petrol, il-gas u diversi licenzji u certifikati mahruga mid-dipartimenti governattivi. Fl-istess "Budget" il-Gvern iddikjara li kien qieghed ukoll jaghti b'effett mill-1 ta' Jannar 1998, zieda ta' Lm 1.50 fil-gimgha ghall-gholi tal-hajja.

Ir-rejazzjoni generali ghal dawn iz-ziediet mhabbra kienet wahda negattiva. L-Union Haddiema Maghqudin immedjatament esprimiet ruhha kuntrarja u fi stqarrija ghall-Istampa mahruga l-ghada, cioe' fis-6 ta' Novembru 1997, (Dok MA26 fol 130) qalet li dawn il-mizuri "se jgibu piz kbir fuq il-haddiema kollha partikolarment dawk b'paga medja u anqas." Fl-istess stqarrija l-istess Union kienet kompliet tghid "Iz-zieda ta' Lm1.50 fil-gimgha li se jinghataw il-haddiema b'effett mill-1 ta' Jannar li gej taghmel tajjeb biss ghall-gholi tal-hajja li diga kien hemm sa Settembru li ghadda. B'hekk il-mizuri u t-taxxi li thabbru f'dan il-Budget huma kollha pizijiet godda li se jkollhom igorru l-haddiema u l-pensjonanti."

Bdew ghalhekk isiru laqghat mal-Ministru tal-Finanzi sabiex tinstab soluzzjoni ghall-problema li kienet ser tinholoq bl-implimentazzjoni ta' dawn l-mizuri li, skond l-Gvern, kienu necessitati minhabba s-sitwazjoni hazina ta' l-ekonomija tal-pajjiz. Fl-ewwel laqgha tal-14 ta' Novembru, l-UHM "Irriaffermat il-posizzjoni taghha mal-Gvern dwar il-mod kif kellha tigi indirizzata l-kwistjoni tad-"deficit" fil-pajjiz *billi l-piz jintrefa' minn min jiflah l-aktar u skond ma realment jaqla".* (Dok MA21 fol 123). Sussegwentement saret laqgha ohra bejn il-partijiet koncernati fid-9 ta' Dicembru u mill-Press Release tad-Department of Information li ggib l-istess data jinghad li "il-Ministru tal-Finanzi u Kummerc Leo Brincat, qal li l-Gvern ma setax jilqa' l-proposti taghhom (l-UHM) li *jew jinghata zieda addizzjonali ta' Lm2 fil-gimgha jew inkella li r-rati l-godda tad-dawl u ta' l-ilma kellhom ikunu introdotti fuq medda ta' hames snin."* Bhala wahda mir-ragunijiet ghal dan ir-rifjut l-istess Ministru gie riportat li qal "illi kieku l-Gvern kellu jaghzel wahda minn dawn iz-zewg ghazliet, kien ikun qed jaccetta li jharbat il-*pjani li fassal huwa stess sabiex jistabilixxi l-qaghda finanzjarja prekarja tal-pajjiz."* (Dok MA19 fol 131).

Wara din il-laqgha ma inzammux laqghat ohra u billi l-posizzjoni minn naha tal-Gvern ma tbidlitx, u cioe' l-proposti tal-UHM ma gewx milqugha, b'ittra iffirmat mis-Segretarju Generali tal-UHM u indirizzata lis-Segretarju Permanenti Ufficju tal-Prim Ministru l-UHM irregistrat *tilwima industrijali mal-Gvern* dwar l-Estimi Generali ghas-sena 1998. Ghalhekk tkompli tghid din l-ittra, "il-Union qeghda ufficjalment tinfurmak illi hi libera li tiehu kull azzjoni industrijali li jidhrilha xierqa kemm fis-Servizz Pubbliku kif ukoll f'korpi parastatali u kumpaniji u entitajiet governattivi ohra." (Dok MA1 fol 19)

Fit-tmexxija 'l quddiem ta' din it-tilwima fis-6 ta' Jannar 1998 (Dok MA16 fol 128) l-istess Union tat bidu ghal sensiela ta' azzjonijiet industrijali u ordnat lill-haddiema kollha mal-Gvern, f'Korpi Parastatali, Awtoritajiet u Entitajiet Governattivi ohra sabiex mit-8 ta' fil-ghodu tat-8 ta' Jannar 1998:-

a) Hadd ma jirrispondi it-telefon
b) Ma jsirx uzu mill-"fax machines" u "e-mails" u
c) "Work to rule"

Sussegwentement u b'zieda mad-direttivi hawn fuq imsemmija l-istess Union fi stqarrija ghall-Istampa u x-Xandir mahruga fit-12 ta' Jannar 1998 (Dok MA12 fol 124) ordnat:-

1) Il-haddiema fid-Dipartiment tad-Dwana sabiex ma jaghmlu ebda xoghol li ghandu x'jaqsam ma' importazzjoni u/jew esportazzjoni ta' merkanzija.

2) Il-haddiema tal-Freeport sabiex ma jaghmlu l-ebda xoghol konness ma' "containers" li jkunu qed jigu importati u/jew esportati lejn/minn Malta, hlief dawk ta' trasbord.

Din l-ordni tal-Union giet mgharrfa lil General Manager tas-socjeta' attrici permezz ta' ittra iggib l-istess data (Dok MA4 fol 68) fejn jinghad li "Il-Kumitat ta' Azzjoni mahtur minn din il-Union (UHM), inkarigani ninfurmak illi gie deciz illi l-pass li jmiss *fil-glieda kontra l-effetti negattivi tal-mizuri tal-Budget 1998 se jkun li nohorgu direttiva lill-haddiema tal-Freeport kif spjegat fl-avviz hawn mehmuz li jgorr il-firma tas-Segretarju Generali."* L-avviz in kwistjoni jirriproduci l-paragrafu (2) ta' l-istqarrija ghall-istampa fuq riportata.

Dawn l-ordnijiet godda kellhom effett immedjat fuq l-industrija u l-kummerc ta' Malta u ghalhekk kien hemm reazzjoni minn naha tal-Gvern u intalab l-intervent tal-korp tal-pulizija sabiex jitnehha kull ostakolu ghad-dhul u hrug ta' merkanzija mill-Port il-Kbir u mil-Freeport. Dan izda ma jikkoncernax din l-Qorti fil-konsiderazzjonijiet tal-kwistjoni li ghandha quddiemha.

Ikkunsidrat:

Illi bil-proceduri odjerni s-socjeta' attrici, bhala l-parti milquta bid-direttivi tal-Union konvenuta, qieghda titlob li jigi dikjarat li dawn id-direttivi u azzjonijiet fil-konfront taghha jikkostitwixxu agir illegali u abbuziv bi ksur tal-ftehim kollettiv u minghajr ma tezisti tilwima ta' xoghol a tenur ta' l-Att dwar Relazzjonijiet Industrijali.

Qed jintalab ukoll li l-Union tigi dikjarata responsabbli ghad-danni minhabba dan l-agir u kundannata thallas l-istess danni. Il-kwistjoni li issa qed tigi trattata f'din is-sentenza hija limitata ghal konsiderazzjoni ta' l-ewwel talba. Id-danni, jekk ikun il-kaz jigu konsidrati fi stadju iehor tal-proceduri.

Il-Union konvenuta qed issostni li d-direttivi moghtija minnha ma sarux b'mod abuziv jew illegali billi l-agir tal-Union jaqa' taht il-provvedimenti tal-Kap 266 tal-ligijiet ta' Malta, inkwantu hemm *"tilwima industrijali",* kif provdut f'Art. 2 (1) tal-Kap 266. din it-tilwima industrijali qieghda mal-Gvern ta' Malta fir-rigward ta' talba min-naha tal-Union illi l-pagi tal-haddiema, partikolarment tal-Gvern izda wkoll dawk in generali, jigu mizjuda b'Lm2 fil-gimgha sabiex ikun hemm kumpens ghall-awment fil-prezzijiet ta' dawl u ilma, liema awment sar minhabba cirkostanzi li ghandu kontroll assolut fuqhom il-Gvern stess u dwar liema tilwima il-Gvern kien debitament notifikat.

Dwar ic-cirkostanzi tal-kaz xehed biss f'dan l-istadju is-Segretarju Generali tal-Union konvenuta is-Sur Maurice Agius. Dan spjega li t-tilwima li tezisti mal-Gvern ta' Malta hija r-rizultat ta' *"l-effetti negattivi tal-mizuri tal-Budget 1998".* Dana wara kollox jirrizulta bl-aktar mod car mid-dokumenti li jikkontjeni "id-Direttivi" moghtija lill-haddiema li huma kollha intestati "L-effetti tal-Mizuri tal-budget."

L-istess xhud ghalhekk spjega li ghalkemm il-"Collective Agreements" sew mas-socjeta' attrici, kif ukoll mal-Gvern innifsu, skadew u hemm pendenti trattativi sabiex jigu konkjuzi "Agreements" ohra, it-tilwima prezenti u t-talbiet li qed isiru mill-Union ma huma bl-ebda mod konnessi mat-trattativi li hemm pendenti sew mas-socjeta' attrici kif ukoll mal-Gvern dwar l-Estimi Generali ghas-sena 1998. l-istess xhud imbaghad ikompli jghid li la darba s-socjeta attrici hija azjenda "semi pubblika", billi hemm il-Gvern involut u ic-Chairman jinhatar mil-Gvern, allura l-azzjoni industrijali giet estiza ghal operazzjonijiet tal-istess azjenda kif indikat fid-Dok MA1 u dana kif permess mill-istess Kap 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

Gie stabbilit li l-Union konvenuta ma ghandha ebda tilwima industrijali jew tax-xoghol mas-socejta' attrici li tohrog mil-provedimenti tal-ftehim kollettiv li ghadu jsehh sakemm jigi rimpjazzat b'iehor jew minn xi nuqqas ta' ftehim fit-trattativi li qed jinzammu. Dan gie kategorikament dikjarat mis-Segretarju Generali tal-UHM. Infatti fit-trattativi ta' bejn il-Union u s-socjeta' attrici t-talba ghal awment fil-paga hija ferm ghola u cioe' LM5,

mill-awment li qed jintalab bhala rizultat ta' l-effetti hziena tal-budget. B'dana kollu, ghalkemm ghadu ma ntlahaqx ftehim dwar il-ftehim kollettiv l-ebda tilwima ta' xoghol ma giet registrata a termini tal-Kap 266. Qed jigi ghalhekk sottomess li s-socjeta' attrici ntlaqtet bid-direttivi semplicement "in furtherance of a trade dispute" ezistenti bejn terzi persuni u dana taht il-koncett ta' "sympathy strike". Dan qalu minghajr tlaqlieq ix-xhud Agius.

Dan stabbilit il-kwistjoni li din il-Qorti ghandha quddiemha tirrizolvi ruhha fuq il-kwezit "tezisti tilwima industrijali?" U jekk tezisti din it-tilwima l-Kap 266 tal-Ligijiet ta' Malta jaghti d-dritt lill-Union li tiehu l-azzjonijiet fuq imsemmija taht l-umbrella ta' l-immunita' li taghti l-istess ligi industrijali?

Ikkunsidrat:-

Illi bl-ittra tad-19 ta' Dicembru, 1997, lis-Segretarju Permanenti Ufficcju tal-Prim Ministru, l-UHM irregistrat "tilwima industrijali" mal-Gvern. Il-Gvern ma jifformax parti minn dawn il-proceduri izda, gialadarba hu dikjarat li ma tezisti ebda tilwima ta' xoghol bejn l-Union u l-Freeport, sabiex jigi stabbilit jekk l-azzjoni u d-direttivi kontra s-socjeta' attrici huma "illegali u abuzivi", il-Qorti bilfors trid tezamina jekk l-allegat stat ta' tilwima bejn l-Union u l-Gvern jaqa' that l-provvedimenti tal-Ligi Industrijali.

Il-Kapitolu 266 tal-Ligijiet ta' Malta li jissejjah l-Att dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali ghandu l-ghan ewlieni li jirregola kull tilwima li tista' tinqala bejn min ihaddem u min jahdem. Fit-twettiq ta' dan l-ghan l-Att gharfien lil Trade Union u Assocjazzjoni ta' principali bhala l-organu ufficjali li jhares l-interessi tal-membri taghha u fl-istess hin jaghti immunita' kontra procedimenti sew kriminali kemm civili, lil dik il-union jew assocjazzjoni kemm 'l darba d-direttivi taghha jkunu legittimi u moghtija "in contemplation or furtherance of a trade dispute".

L-Artikolu 2 tal-Kap 266 jiddefinixxi "tilwima ta' xoghol" bhala tilwima bejn principali u haddiema, jew bejn haddiema u haddiema, li jkollha x'taqsam ma' xi wahda jew aktar mill-hwejjeg hemm indikati. Fost dawn il-hwejjeg, u jidher li hemm consensus bejn il-partijiet li din hija l-parti rilevanti, il-ligi telenka bhala hwejjeg li jistghu jaghtu lok ghal tilwima ta' xoghol insibu l-"patijiet u kondizzjonijiet ta' impieg, jew il-kondizzjonijiet fizici li tahthom xi haddiema jkunu mehtiega jahdmu".

Il-Union konvenuta qiegheda ssostni li stante li l-mizuri imhabbra fil-Budget sejrin jolqtu b'mod negattiv l-ghixien tal-haddiem malti

tezisti tilwima industrijali billi dawk il-mizuri sejrin jaffettwaw il-kondizzjonijiet ta' l-impijeg ta' l-istess haddiem kif kontemplat fl-Att Dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali. F'dan ir-rigward l-abbli difensur tal-konvenut argumenta hekk: "Kwistjoni dwar jekk paga hijiex sufficjenti jew le hija kwistjoni li tista' tigi kkalkolata bhala industrijali u allura l-kaz li ghandna quddiemna llum fejn il-"union" qeghda taghmel "claim" kontra "del resto" l-ikbar "employer" f'Malta, il-Gvern, biex tizdied il-paga tal-haddiema biex ilahhqu ma' l-gholi tal-hajja, bil forsi trid tigi definita bhala azzjoni industrijali".

Il-Qorti tapprezza t-thassib ta' l-Union Haddiema Maghqudin dwar l-impatt negattiv tal-mizuri tal-Budget. Izda li tghid li kull haga li jaghmel gvern li jista' jkollu effett negattiv jew impatt fuq il-"cost of living" tal-haddiema, jaghti lok ghal "tilwima tax-xoghol" huwa minn banda mod simplicistiku ta' kif thares lejn l-ghan ta' l-Att Dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali, u mill-banda l-ohra jissoggetta l-Gvern, qua amministratur tal-pajjiz, ghar-rikatt tal-Unions.

Sabiex jista' jkun hemm tilwima ta' xoghol skond il-Kap 266 tal-Ligijeit ta' Malta trid tezisti ab initio relazzjoni bejn min ihaddem u mkin jahdem. Infatti l-istess definizzjoni ta' "tilwima ta' xoghol" skond l-Att imsemmi titkellem dwar "kondizzjonijiet ta' impjieg, thaddim jew nuqqas ta' thaddim jew tmiem jew sospensjoni ta' impieg, allokazzjoni ta' xoghol jew ta' dmirijiet ta' l-impieg, dixxiplina, u makkinarju ghal negozjati. Dawn kollha huma konnessi ma' kuntratt ta' impieg – minghajr dan ir-rekwizit ma jistax ikun hemm tilwima ta' xoghol skond l-Att u konsegwentement kull direttiva jew azzjoni mehuda minn Union jew Assocjazzjoni ta' principali fl-assenza ta' tali rabta, ma tikkwalifikax ghall-immunita' moghtija fl-istess att.

Issa mizuri mhabbra f'Budget huma l-espressjoni tal-politika ekonomika tal-Gvern tal-gurnata li jkollu l-amministrazzjoni tal-pajjiz f'idejh. Ghalkemm dawn il-mizuri, f'xi kazi, bhall-ghoti ta' "cost of living increase" ghandhom effett dirett fuq il-kondizzjonijiet ta' l-impieg tal-haddiema tal-pajjiz, ma jistax jinghad li tali mizura taghti lok ghal tilwima ta' xoghol jekk, bhal fil-kaz in ezami, jigi kunsidrat li dik iz-zieda mhux bizzejjed. Tista' taqbel jew ma taqbilx ma' dak li jghid il-Gvern f'Budget, izda certament kull pronunzjament ma johloqx relazzjoni bejn il-Gvern u l-partijiet interessati li tista' tikkwalifika bhala raguni ghal tilwima industrijali that il-Kap 266 tal-Ligijiet ta' Malta. Fil-Budget il-Gvern ta' gurnata, wara li jiehu kont tal-qaghda finanzjarja tal-pajjiz u tal-bzonnijiet tieghu qua amministratur, fil-vesti tieghu ta'

amministratur, ihabbar mizuri. Dawn jistghu ikunu tajbin u jistghu ikunu negattivi, il-poplu jista' jezulta jew igorr, izda jispetta lill-Parlament li jghaddi dawk il-mizuri, u fl-ahhar analizi jispetta lill-elettorat li jivvota ghal Gvern jew iehor, skond il-"performance" tieghu matul l-amministrazzjoni tieghu. Kif sewwa jghid l-awtur G. Pitt fil-ktieb tieghu "Employment Law" (pagna 491) "In order to be protected, the dispute must be about one or more of the issues in S.244 (1). Disputes which put pressure on the Government are often argued to be political rather than trade disputes".

Illi minn dan kollu din il-Qorti hija tal-fehma li l-konvenut ma rnexxielux jipprova li t-tilwima li ghandu mal-Gvern hija tilwima ta' xoghol kif kontemplat fl-artikolu 2 tal-Kap 266. Konsegwentement ma jistax jinghad li l-azzjonijiet mehuda fil-konfront tas-socjeta' attrici mill-UHM huma legali billi: (a) ma tezisti ebda tilwima ta' xoghol bejn il-kontendenti, u (b) jonqos ir-rekwizit kontemplat fil-Kap 266 ghal azzjoni mehuda mill-konvenut fil-konfront tal-Gvern u ghalhekk ma jistax jiggustifika l-azzjoni kontra l-Freeport bhala azzjoni mehuda "in sympathy".

## **Aggravju**

Il-Union Haddiema Maghqudin appellat minn din is-sentenza wara li akkwistat mill-ewwel Qorti d-debita awtorizzazzjoni. Hi tilmenta li l-ewwel Qorti kellha tasal ghall-konkluzzjoni li l-Union ma kienet ghamlet xejn li huwa llegali u abuziv, u li, konsegwentement, l-azzjonijiet mehuda fil-konfront tas-socjeta' attrici kienu legali u gusti. Hi ma qablitx mal-motivazzjoni ta' l-ewwel Qorti illi: "Konsegwentement ma jistax jinghad li l-azzjonijiet mehuda fil-konfront tas-socjeta' attrici l-U.H.M. huma legali billi (a) ma tezisti l-ebda tilwima ta' xoghol bejn il-kontendenti u (b) jonqos ir-rekwizit kontemplat fil-Kap 266 ghall-azzjoni mehuda mill-konvenut fil-konfront tal-Gvern, u ghalhekk ma jistax

jiggustifika l-azzjoni kontra l-Freeport bhala azzjoni mehuda "in sympathy".

Dwar il-fatti ma jidher li hemm l-ebda kontestazzjoni bejn il-kontendenti u dawn gew sostanzjalment korrettement elenkati fis-sentenza appellata. Skond l-appellant pero', it-tilwima tax-xoghol li huma ccitaw quddiem l-ewwel Qorti, bhala gustifikanti ta' l-azzjoni industrijali taghhom, kienet tilwima dikjarata li kienet fis-sehh permezz ta' ittra lill-Gvern, liema tilwima essenzjalment kienet tirrigwarda r-rejazzjoni tal-Union ghal certi mizuri proposti fil-Budget 1998, f'liema rigward l-istess Union talbet zieda fil-pagi fuq bazi nazzjonali, jew tibdil fil-mod kif kellhom jigu introdotti awmenti fit-tariffi tad-dawl u ta' l-ilma.

L-appellanti allura jirritjenu li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat ta' l-import veru ta' l-artikolu 2 tal-Kap 266 li jiddefinixxi t-termini ta' l-Att, fosthom naturalment it-terminu "tilwima ta' xoghol". L-ewwel Qorti nfatti zbaljatament ikklassifikat li t-tilwima industrijali li kienet tezisti bejn il-Union u l-Gvern fiz-zmien rilevanti bhala tilwima politika u mhux wahda ta' xoghol. Dan hu ezattament il-nodus iuris principali li kellu jigi rizolt f'din il-kawza. In sostenn tat-tezi taghha l-Union appellanti taghmel ampja riferenza ghall-kommentaturi tal-Ligi Ngliza in materja li din il-Qorti ser tikkonsidra aktar tard f'din is-sentenza.

Hemm imbaghad aspett iehor tal-vertenza li wkoll irid jigi nvestigat. Dan hu jekk, una volta jigi stabbilit illi l-aggravju principali fil-mertu tal-Union appellanti hu gustifikat, setghax jitqies illi l-azzjonijiet partikolari li jittiehdu fil-qafas ta' l-azzjoni industrijali mehuda allura b'mod legittimu, kienux fihom infushom illegali, fis-sens li ma kienux koperti bl-immunitajiet li l-Kap 266 tal-Ligijiet ta' Malta jestendi lill-Union, lill-membri taghha u ohrajn f'cirkostanzi simili.

**<u>Konsiderazzjonijiet generali</u>**

Din il-Qorti allura jehtigilha tikkonsidra qabel xejn b'mod generiku l-implikazzjonijet ta' l-azzjoni industrijali mehuda mill-U.H.M. u jekk setghax jitqies li din kienet ittiehdet fil-kontest ta' tilwima ta' xoghol li tkun allura tirrendiha "legali" skond il-Ligi. Jekk din il-Qorti tasal ghar-risposta affermattiva ghal dan il-kwizit, f'dan il-kaz il-Qorti tinvesti wkoll il-kwistjoni jekk azzjonijet partikolari mehuda fl-istess kontestazzjoni setghux fihom nfushom jitqiesu llegali inkwantu ma kienux koperti bl-immunitajiet li l-ligi testendi f'kaz ta' azzjonijiet industrijali "legittimi".

Din il-Qorti jidrilha qabel xejn li ghandha tenuncja s-segwenti principji biex sewwa tiddefinixxi l-parametri li fihom hi kellha tezercita l-funzjoni gudizzjarja taghha.

1. Il-kompitu taghha f'din il-kawza kien illi tapplika ghall-fatti provati quddiemha l-ligi applikabbli u kif kienet tezisti fiz-zmien rilevanti. Hadd ma kellu d-dritt jippretendi jew jistenna lill-Qrati jezorbitaw minn din il-funzjoni propja taghhom biex jipprovdu soluzzjonijiet ghal sitwazzjonijiet li ma jkunux dawk tar-rizoluzzjoni u determinazzjoni tad-drittijiet u obbligi civili kif dettati mil-ligi. Dan il-gudikant ma setghax jaghmlu, anke jekk il-konvinzjoni personali tieghu, u forsi anke s-sens tal-gustizzja tieghu, kienu jinklinawh mod iehor.

2. Kien id-dover tal-legislatur li jadegwa l-ligi ghar-realtajiet socjali. Ma kienx kompitu tal-qrati li jaghmlu dan. Huma seghu biss, fil-limiti stretti tar-regoli ta' interpretazzjoni, jqarrbu l-ligi bl-applikazzjoni taghha lejn dak li s-socjeta' thoss u tifhem, fil-mument storiku partikolari, li hu xieraq u gust fir-regolament tal-jeddijiet u obbligi reciproci tal-kontendenti. Altrimenti l-qrati kellhom japplikaw il-ligijiet kif inhuma fil-kelma u fl-ispirtu. Il-gudikant allura ma setghax jissostitwixxi l-fehma tieghu ghal-ligi li hu kellu f'kull kaz japplika nonostante li seta' wkoll personalment ma jaqbilx maghha, iqisha anakronistika jekk mhux ukoll inikwa. Dan il-principju li jiddefinixxi l-parametri precizi tas-separazzjoni tal-poteri ta' l-Istat, kellu jigi applikat bl-akbar rigur ghaliex certament ma kienx konsentit ghall-poter gudizzjarju li juzurpa l-funzjoni propja tal-poter legislattiv billi jarroga ghalih innifsu d-dritt li jestendi l-applikazzjoni tal-ligi lil hinn mil-limiti definiti mil-legislatur. Jekk Qorti hekk taghmel

tkun in effetti qed tillegisla u b'hekk tagixxi barra mill-poteri kostituzzjonali taghha.

3. Principju gudizzjarju dan li japplika dejjem u f'kull kaz imma forsi aktar u aktar fil-qasam tal-ligijiet li jirregolaw ir-relazzjonijiet industrijali fejn spiss il-ligijiet u l-emendi legislativi ghalihom ikunu jirriflettu mhux biss il-filosofija u l-politika socjali imhaddna u imhaddma mill-Gvern tal-gurnata, imma wkoll huma spiss frott ta' dibattitu, konfront u anke konfrontazzjoni bejn id-diversi forzi socjali li jattivaw il-hajja ekonomika tal-pajjiz. Il-poter legislattiv, bhala regola, spiss jikkonforma l-ligijiet biex jirrispondu ghall-ezigenzi partikolari tal-mument. Pero' mhux dejjem hekk isir. Anke ghaliex mhux dejjem ikun hekk opportun u espedjenti li jsir. Hadd ma kellu allura jistenna f'dawk ic-cirkostanzi li l-Qrati jaghmlu dak li haddiehor, ghar-raguni forsi ta' opportunizmu politiku – f'sens mhux bil-fors negattiv - deherlu li ma kellux jaghmel. Il-Qrati kellhom biss jaghmlu dak li kien dmir taghhom li jamministraw il-gustizzja skond il-ligijiet vigenti u applikabbli ghall-kaz.

4. F'dan ir-rigward allura l-Qorti kellha tkun attenta biex tassigura x'kien precizament l-istat ta' dritt fil-pajjiz, fiz-zmien meta ittiehdet l-azzjoni industrijali taht ezami. Inoltre, filwaqt li hu konsentit, utli u rakkomandabbli li l-Qorti tirreferi ghall-origini ta' l-istituti legislattivi li jirregolaw l-mertu quddiemha, specjalment f'kazijiet bhal f'dak taht

ezami fejn id-disposizzjonijiet esteri jkunu gew inkorporati tista' tghid kelma b'kelma fl-Att Malti, il-gudikant kellu jkun ferm attent li jassigura li t-testi u l-awturi esteri li jikkumentaw dawn id-disposizzjonijiet ikunu qed jittrattaw il-ligi <u>kif kienet vigenti f'Malta fiz-zmien rilevanti</u>. Eskluzi allura emendi li setghu kienu saru fil-ligi estera, imma li ma jkunux saru fil-ligi nostrana. Altrimenti jigri – kif jidher li seta' gara fil-kaz taht ezami – li r-riferenzi ghal fondi ta' dritt esteru jkunu gew inkwinati propju ghaliex f'dak il-pajjiz esteru jkunu gew introdotti emendi li fil-ligi maltija ma jirrizultawx. Emendi li jistghu wkoll – bhal fil-kaz taht ezami – jirriflettu bidla radikali fil-mentalita' u fl-orjentament politiku socjali tal-legislatur esteru, li ma tkunx sabet eku f'pajjizna. Fatt dan mhux necessarjament negattiv. Ghall-Qorti din ic-cirkostanza fil-verita' kienet newtra u r-raguni ghaliex hekk ikun gara kellha tkun ghaliha ghal kollox irrilevanti. Li kien invece rilevanti kienet il-htiega li l-gudikant izomm quddiem ghajnejh il-hin kollu li kien fid-dover li japplika l-ligi nostrana kif inhi u kif halliha l-legislatur, u li jinterpretaha biss sakemm u safejn kien mehtieg u kien konsentit li jaghmel fil-limiti tar-regoli ta' interpretazzjoni.

**<u>L-Istat ta' Dritt</u>**

Dan premess il-Qorti tghaddi biex tikkonsidra ezattament x'inhu l-istat ta' dritt li kellu jirregola l-mertu. Il-kaz taht ezami (u dan mhux l-uniku, hemm kazijiet ohrajn daqstant evidenti bhal-ligi dwar id-drittijiet ta' l-

awtur), hu wiehed klassiku fejn il-ligi taghna ma evolvietx (wiehed jista' jqis dan bhala fatt pozittiv jew negattiv skond l-orjentament u l-konvinzjonijiet tieghu) bil-pass u fid-direzzjoni li fih evolviet il-ligi ngliza li hu pacifiku li l-fonti tad-disposizzjonijiet legislativi taht ezami. Il-qofol tal-prezenti vertenza hu infatti l-interpretazzjoni korretta li kellha tinghata lid-disposizzjonijiet tal-Kap 266 applikabbli ghall-kaz u senjatament l-artikoli 17 u 18 tieghu, liema disposizzjonijiet, kif sewwa tissottometti l-Union appellanti, huma pratikament identici bhal dawk ezistenti fil-ligi ngliza qabel l-1982.

Dawn iz-zewg artikoli 17 u 18 tal-Kap 266 qeghdin f'dik il-parti ta' l-Att dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali illi tittratta dwar "restrizzjonijiet fuq responsabilita' u procedimenti legali u fuq membri tal-Union". L-artiklu 17 jittratta dwar "il-helsien tat-Trade Unions u assocjazzjonijiet ta' principali minn kawzi dwar ghemil ta' hsara". L-artiklu 17 jaqra hekk:-

> "17 (1) Bla hsara ghad-disposizzjonjiet tas-subartiklu 2 ta' dan l-artiklu ma tista' tittiehed l-ebda azzjoni dwar delitt jew kwazi delitt minhabba xi ghemil (a) li jkun allegat li sar minn jew f'isem Trade Union jew minn jew f'isem Assocjazzjoni ta' principali, jew (b) li jkun allegat li gie mhedded jew ikun mahsub li jsir, kif intqal qabel, kontra l-Union jew l-Assocjazzjoni f'isimha stess jew kontra xi membri jew kontra kull ufficjal tal-Union jew Assocjazzjoni f'isimhom stess u f'isem il-membri l-ohra kollha tal-Union jew Assocjazzjoni.
>
> (2) Is-subartiklu 1 ta' dan l-artiklu ma jolqotx ir-responsabilita' ta' Trade Union jew ta' Assocjazzjoni ta' principali li jigu mharrkin dwar kull haga minn dan li gej jekk ma tinqalax minn xi ghemil bi hsieb ta' tilwima ta' xoghol, jew biex din it-tilwima titmexxa 'il

> quddiem. Jigifieri (a) bi traskuragni, ghemil ta' tfixkil, jew ta' inkonvenjenza, jew ksur ta' dmir (sew jekk impost fuqhom b'xi regola ta' ligi jew b'xi legislazzjoni) li jwassal ghall-hsara fuq il-persuna ta' xi hadd; jew (b) bla hsara ghad-disposizzjonijet tal-paragrafu (a) ta' dan is-subartiklu, ksur ta' xi dmir impost dwar id-dritt ghall-proprjeta' jew dwar il-pussess, il-kontroll jew l-uzu ta' xi proprjeta' sew mobbli jew immobbli".

L-artiklu 18 jipprovdi ghall-ghemejjel bil-hsieb li jitmexxew il quddiem tilwim ta' xoghol, u hekk jipprovdi fid-disposizzjonijiet tieghu invokati mill-Union konvenuta:-

> "18 (1) Ghemil minn persuna bil-hsieb li jkun hemm jew titmexxa 'l quddiem tilwima ta' xoghol, ma titqiesx bhala delitt jew kwazi delitt ghar-raguni biss li dak l-ghemil (a) igieghel lil persuna ohra li tikser kuntratt ta' impjeg, jew ……………(c) ikun ifixkel kummerc, in-negozju jew l-impjieg ta' persuna ohra, jew il-jedd tal-persuna l-ohra milli tiddisponi mill-kapital jew mix-xoghol taghha kif tkun trid………."

Il-Union konvenuta tikkontendi li t-tilwima li tat lok ghal din il-vertenza taqa' fid-definizzjoni ta' "tilwima industrijali" kif provdut fl-Artiklu 2 (1) tal-Kap 266 u konsegwentement l-istess tiliwima kienet koperta bl-immunitajiet moghtija mill-provvedimenti ta' l-artikoli 17 u 18 appena citati. "Tilwima ta' xoghol" hi definita bl-artiklu 2 bhala "tilwima bejn <u>principali u haddiema</u> jew bejn <u>haddiema u haddiema</u> li jkollha x'taqsam ma' xi wahda jew aktar mill-hwejjeg li gejjin:- (a) <u>pattijiet u kondizzjonijiet ta' impjieg</u> jew il-kondizzjonijiet fizici li tahthom xi haddiema ikunu mehtiega jahdmu…………." Isegwu ghal dan is-subinciz (a) iz-subincizi (b) sa (f) li ma jidhirx li huma b'xi mod relatati

mal-prezenti vertenza. Jirrigwardaw infatti inter alia hwejjeg dwar il-modalitajiet ta' l-impjieg, allokazzjoni ta' xoghol, ta' dixxiplina, ta' facilitajiet ghall-ufficjali ta' Trade Unions, u rikonoxximent ta' l-istess Trade Union mill-Principal bhala rapprezentanti tal-haddiema.

Il-kwistjoni allura hi, qabel xejn, jekk il-fatti li taw lok ghall-prezenti kawza, setghux jitqiesu li jikkostitwixxu tilwima ta' xoghol bejn "principali u haddiema" – ghaliex hawn mhux si tratta ta' kwistjoni bejn haddiema u haddiema – li kellha x'taqsam mal-pattijiet u kondizzjonijet ta' impjieg. Dan ghaliex huwa biss fis-sens ta' din l-espressjoni illi l-Union appellanti tista' tinkwadra c-cirkostanzi fattwali ta' din il-vertenza bhala "tilwima ta' xoghol". Infatti huma jsostnu illi t-tilwima ta' xoghol li ccitaw bhala gustifikanti biex tehlishom minn kull azzjoni konsegwenzjali ghal agir delittwuz jew kwazi delittwuz hija "tilwima dikjarata li kienet fis-sehh permezz ta' ittra lill-Gvern, liema tilwima essenzjalment kienet tirrigwarda r-rejazzjoni tal-Union ghal certi mizuri proposti fil-budget 1998, f'liema rigward hija kienet talbet zieda fil-pagi fuq bazi nazzjonali jew tibdil fil-mod kif jigu ntrodotti awmenti fit-tariffi tad-dawl jew ta' l-ilma".

L-ewwel Qorti dehrilha li dawk il-fatti ma setghux jigu kwalifikati bhala "pattijiet u kondizzjonijet ta' impjieg" u konsegwentement waslet ghall-

konkluzzjoni li ma kienx hemm bejn il-Union appellanti u s-socjeta' attrici tilwima ta' xoghol bil-konsegwenza li l-istess Union ma setghetx tinvoka l-protezzjoni ta' l-immunitajiet kontemplati fl-artikoli 17 u 18 tal-Kap 266. Ma setghetx f'dak il-kaz tippretendi li l-ghemil in kwistjoni kien sar bil-hsieb li jkun hemm jew li titmexxa 'l quddiem tilwima ta' xoghol. (Fit-test ingliz "an act in furtherance or contemplation of a trade dispute). Il-Qorti kellha allura tezamina kienux fil-kaz taht ezami jokkorru l-elementi mehtiega biex jikkwalifikaw l-azzjonijiet industrijali mehuda mill-Union appellanti kontra s-socjeta' appellata bhala ghemil bil-hsieb li jkun hemm jew titmexxa 'l quddiem tilwima ta' xoghol. Ghandu jigi mmedjatament sottolinejat dak li donnu eluda lill-ewwel Qorti, u cioe' id-distinzjoni bejn il-ligi ngliza kif inti illum u l-ligi tar-relazzjonijiet industrijali nostrana, il-Kap 266, li kienet tista' tghid identika, fit-termini mal-ligi ngliza kif kienet qabel l-emendi ta' l-1982 u li espressament trid illi kien bizzejjed biex ikun hemm tilwima ta' xoghol illi dik it-tilwima "jkollha x'taqsam" ma' xi wahda mill-hwejjeg elenkati, fosthom mal-pattijiet u kondizzjonijiet ta' impjieg.

Section 29 (1) tat-Trade Union and Labour Relations Act 1974 (TULRA) kienet tesigi biss illi t-tilwima kellha tkun "connected with". Sussegwentement l-emenda li saret bl-Employment Act 1982 kien provdut illi t-tilwima kellha tkun "related wholly or mainly" ghal xi wahda mill-materji elenkati. Emenda din ta' sostanza li radikalment illimitat id-

definizzjoni ta' trade dispute. Limitazzjoni pero' li kif inghad ma ssib l-ebda riskontru fil-ligi Maltija. Hi biss allura rilevanti ghall-fini ta' interpretazzjoni l-gurisprudenza ngliza sa qabel l-emenda li saret bl-Employment Act 1982. Din l-emenda restrittiva ta' l-Att ta' l-1982 kienet mahsuba biex tillimita l-interpretazzjoni estensiva imma korretta tal-Qrati nglizi tat-terminu "connected with" fl-Att ta' l-1974. Infatti, fil-kaz NWL Limited vs Woods, (1979) il-House of Lords "considered that there need only be a genuine connection between the dispute and the relevant subject matter, and that the Industrial dispute issue need not be predominant in the minds of the strikers. Lord Scarman's requirement was merely that the connection be "real and not ostensible". Lord Diplock said: "Even if the predominant object were to bring down the fabric of the present economic system, by raising wages to unrealistic levels….this would not ………make it any less a dispute connected with terms and conditions of employment and thus a trade dispute, if the actual demand that is resisted by the employer is as to the terms and conditions on which his workers are to be employed".

Dn ix-xorta ta' interpretazzjoni estensiva tat-terminu "connected with" fil-kontest ta' immunitajiet minn prosekuzzjoni ghall-kommissjoni ta' atti li altrimenti kienu jitqiesu reati, wasslet, fir-Renju Unit, ghall-gustifikazzjoni ta' kull forma ta' azzjoni industrijali u l-konsegwenzi taghha, kienet x'kienet il-motivazzjoni warajha. Sitwazzjoni din li eventwalment

ipprovokat rejazzjoni fil-kamp politiku li wassal ghall-emendi ta' l-1982. Fil-fehma ta' din il-Qorti, kif gia inghad, una volta si tratta ta' immunitajiet li l-ghoti taghhom kien inevitabilment spiss jippregudika l-interessi u d-drittijiet ta' terzi bl-ebda mod konnessi ma' l-azzjoni industrijali, il-principji generali ta' dritt kienu jimponu interpretazzjoni restrittiva. It-terminu "connected with" - fit-test malti jkollha x'taqsam – jimplika rabta rejali u sostanzjali u mhux immaginarja jew incidentali bejn l-oggett tat-tilwima u f'dan il-kaz, "il-pattijiet u kondizzjonijiet ta' impjieg".

Din il-Qorti hi tal-fehma li kienet korretta l-interpretazzjoni li tat l-ewwel Qorti illi t-terminu "tilwima ta' xoghol" kienet definita b'dak l-artiklu 2 biex tkopri l-aspetti kollha ta' l-attivitajiet fuq il-post tax-xoghol kif regolati bejn il-principal u l-haddiem, jew il-haddiem u haddiem, u ma kienet bl-ebda mod tirreferi ghal sitwazzjonijiet estraneji ghal dawk l-attivitajiet. It-terminu nnfisu "pattijiet u kondizzjonijet ta' impjieg" kjarament jimplika li t-tilwima kellha tkun dwar dak li l-principal u l-haddiem ikunu ftehmu fil-kuntratt ta' l-impjieg, jew alternattivament, fin-nuqqas, ikun regolat bil-ligi.

Sa hawn allura l-interpretazzjoni moghtija mill-ewwel Qorti tidher sostanzjalment korretta inkwantu zzomm kemm jista' jkun mat-termini precizi tal-ligi u tinterpretaha skond l-ispirtu u l-kelma taghha. Dawn

huma provvedimenti li huma eccezzjoni ghall-principju generali tar-responsabilita', u bhala tali ma kellhomx jigu interpretati b'mod li jmur lil hinn mill-ghan li jrid jilhaq il-legislatur. Il-legislatur infatti kellu f'mohhu li gustament jaghti lit-Trade Unions il-qawwa li jezegwixxu d-decizjonijiet taghhom fl-interess tal-haddiema fil-konfront ta' min ihaddihom. Ried li ma jkunux inermi u impotenti kontra l-qawwa ekonomika tal-principal billi tassiguralhom il-mezz qabel xejn biex jirtiraw l-operat taghhom u jikkonvincu lil haddiehor biex hekk jaghmel. Huma pero' provvedimenti li kif redatti kjarament jistghu jaghtu lok ghal abbuz jekk ma jigux gustament interpretati fil-limiti ta' dak li ried il-legislatur. Dan certament qatt ma ntenda li jaghti carte blanche lil xi hadd, kemm jekk tkun trade union, kemm jekk tkun assocjazzjoni ta' min ihaddem illi impunement dejjem u f'kull okkazzjoni jistghu, biex jilhqu l-ghan legittimu taghhom, jivvjolaw il-ligi. Ma jistghux allura l-immunitajiet preskritti mil-ligi jigu estizi lil hinn mill-parametri precizi stabbiliti mil-legislatur. Altrimenti tinholoq sitwazzjoni inikwa li fiha s-saltna tad-dritt ma tkunx tapplika l-istess ghal kulhadd. U dan mhux eccezzjonalment biex jigu tutelati l-interessi legittimi ta' min hu dghajjef meta hekk kien hemm bzonn, imma biex tinghata sahha indebita fejn din ma kienetx mehtiega f'socjeta' demokratika. Kulhadd kellu allura jkun responsabbli ghal ghemilu u jagixxi fil-limiti konsentiti lilu bil-ligi. Altrimenti kulhadd kellu wkoll jirrispondi quddiem il-ligi fejn dawn il-limiti jinqabzu.

Mil-banda l-ohra pero' l-ewwel Qorti jidher li ma enfasizzatx id-distinzjoni bejn dak il-minimu mehtieg skond il-Kap 266 biex "tilwima ta' xoghol" tigi hekk kwalifikata, semplicement ghax "ikollha x'taqsam" mal-pattijiet u kondizzjonijiet ta' impjieg (connected with) u dak li tesigi l-ligi ngliza llum li t-tilwima industrijali kellha tikkoncerna ghal kollox, jew principalment, il-pattijiet u l-kondizzjonjiet tax-xoghol (wholly or mainly concerned with).

Jidher li l-ewwel Qorti hadet l-atteggjament illi una volta gie stabbilit illi l-Union konvenuta ex admissis ma kellha l-ebda tilwima industrijali jew tax-xoghol mas-socjeta' attrici li kienet tohrog mill-provvedimenti tal-ftehim kollettiv li kien ghadu fis-sehh, dan kien effettivament jeskludiha mill-jedd li tiddikjara li kien hemm, ma' l-istess socjeta' attrici, tilwima industrijali.

Din il-Qorti allura tifhem – anke jekk dan mhux espressament enuncjat fis-sentenza appellata - illi ghall-ewwel Qorti t-tilwima industrijali kellha tkun tikkoncerna ghal kollox jew principalment l-pattijiet u l-kondizzjonijiet ta' l-impjieg, u ma kienx bizzejjed li tkun konnessa maghhom. Tant hu hekk illi mill-konsiderandi ta' l-ewwel Qorti hu ovvju illi l-konkluzzjoni taghha kienet illi l-azzjoni industrijali, una volta kienet diretta kontra mizura ekonomika mehuda mill-Gvern tal-gurnata, anke

jekk din kellha effett dirett fuq il-kondizzjonjiet ta' l-impjieg tal-haddiema tal-pajjiz, ma setghax jinghad li tali mizura kienet taghti lok ghal tilwima ta' xoghol. It-tilwim intiz biex igib pressjoni fuq il-Gvern kellu aktar min-natura ta' tilwim politiku milli ta' tilwim industrijali. Din l-interpretazzjoni ma setghetx pero', fil-fehma tal-Qorti, tregi fid-dawl tad-definizzjoni ta' "tilwima industrijali" f'artiklu 2 tal-Kap 266 li jipprovdi li kien bizzejjed li t-tilwima tkun konnessa mal-pattijiet u l-kondizzjonijiet tax-xoghol. Dan specjalment meta t-tilwima tkun ukoll tikkoncerna, kif in ultima analizi jirrizulta li kienet tikkoncerna dik taht ezami, kontestazzjoni bejn il-Gvern u l-impjegati tieghu stess.

Hu pacifiku fil-gurisprudenza illi": "Industrial action taken purely as a protest against Government action might be of dubious legality. However, the mere fact that there is a political "aspect" would not remove a dispute from the statutory definition, so that anti-Government action might still be included if there is a genuine trade aspect, as for example where the Government is a significant employer of the Union's members over those members maybe directly affected by Government policies in question…….." (Industrial law, Smith and Wood, 4th Edition, 1986, p. 5-6 et seq.)

Din l-interpretazzjoni tal-qrati nglizi baqghet tissussisti anke wara l-emenda li biddlet il-kliem “connected with” bil-kliem “relates wholly or mainly to” fl-Employment Act, 1982”. Infatti meta d-dicitura ta’ test ingliz kien identiku ghal dak tat-test malti tal-lum, il-Qrati Inglizi “showed greater willingness to allow as a trade dispute a matter of basically a political nature provided that it had some connection with terms and conditions of employment and can be framed in such a way”. “A trade dispute definition has never been so broad as to include political disputes…………. It may now be easier to declare a strike political and not covered by immunity by reason of the change in the proximity to industrial grievances from “connected with” to “related wholly or mainly to” (kuntrarjament ghall-istat tad-dritt f’Malta) It is not however easy to draw the line between political and trade disputes (anke fir-Renju Unit wara li nbidlet id-dicitura tal-ligi). Furthermore since the Government is a major employer and crucially affects the employment prospects of many millions whom it does not directly employ, it may be difficult to say when a dispute with the Government is about employment or politics” (confer Mercury Communications Ltd. vs. Scott Garner, 1984). Nevertheless in its capacity as employer, the Government is treated no differently from any other management”. (The Modern Law of Strikes John Bowers and Michael Duggan p. 72 et seq.).

Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet din il-Qorti difficilment tista' tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha l-ewwel Qorti illi t-tilwima ta' l-Union Haddiema Maghqudin li qabel xejn kellha mal-Gvern ma kienetx tilwima industrijali, fis-sens illi ma kienetx diretta biex ittejjeb il-kondizzjonijiet tal-haddiema, l-iprem fosthom il-pagi taghhom, li kienu gew, fil-fehma taghha, affetti b'mod negattiv bhala konsegwenza diretta ta' azzjoni mehuda minn min ihaddimhom, u cioe' mill-istess Gvern. Indubbjament il-policies tal-budget kienu jaffettwaw il-pajjiz kollu. Bhala tali dak kien att intrinsikament politiku li ghalih il-Gvern, qua amministratur, kellu jirrispondi politikament. Indubbjament pero' dawk il-mizuri fil-budget kienu, skond il-Union, ser ikollhom effett negattiv fuq il-paga percepita mill-membri taghha li kienu mpjegati mal-Gvern. Dana indipendentement minn dak konkordat mill-ftehim kollettiv imma li certament kien ovvjament konness mieghu, inkwantu bhala konsegwenza ta' l-att unilaterali tal-principal – f'dan il-kaz il-Gvern – gie introdott element gdid li, fil-fehma ta' l-Union, zbilancja l-pattijiet u l-kondizzjonijiet ta' impjieg ta' l-impjegati tal-Gvern.

Din il-Qorti tasal allura kuntrarjament ghal dak li rriteniet l-Ewwel Qorti, ghall-konkluzzjoni li l-kwistjoni li kien hemm bejn il-Union appellanti u l-Gvern u li pprovokat il-prezenti istanza setghet tigi kwalifikata bhala tilwima industrijali fit-termini ta' l-artiklu 2 tal-Kap 266 ghaliex kienet, fil-fehma taghha, konnessa mal-pattijiet u l-kondizzjonijiet ta' l-impjieg,

nonostante kull element politiku li seta' jigi mputat lill-istess Union. Il-konnessjoni ma setghetx, fil-fehma ta' din il-Qorti, tigi meqjusa bhala wahda immaginarja jew incidentali. Kienet ghall-kuntrarju konnessjoni rejali u sostanzjali tant li pprovokat, da parti ta' l-Union appellanti talba specifika ta' zieda fil-pagi jew, alternattivament, ta' xi forma ta' assistenza biex il-haddiema mpjegati tal-Gvern ikunu jistghu jaghmlu fronti ghall-piz li l-mizuri adottati fil-budget kienu sejrin jimponulhom. Reklami dawn li ndubbjament kienu jincidu direttament fuq il-pattijiet u kondizzjonjiet ta' l-impjieg.

Mhux il-kaz allura li jinghad kif gie ukoll ritenut mill-Ewwel Qorti, li l-kwistjoni kienet kontestazzjoni generika kontra l-gholi tal-hajja, mahsuba biex iggib pressjoni fuq il-Gvern biex ibiddel il-politika dikjarata tieghu. Il-fatti kienu jipprospettaw aktar minn hekk. Kienu jipprospettaw kontestazzjoni bejn min ihaddem u min jahdem, naxxenti propju mir-relazzjoni ta' impjieg li kienet mahluqa bejniethom, u li kienet torbothom, u intenzjonata propju biex tigi akkwistata zieda fil-paga li, fil-fehma ta' l-Union appellanti kienet, fic-cirkostanzi, gustifikata. Din il-Qorti diga' esprimiet il-fehma li hi taqbel li l-immunita' moghtija lill-Unions permezz tal-Kap 266 kienet privilegg u bhala tali, kellha tigi wkoll cirkoskritta ghat-termini precizi tal-ligi. Una volta hi pero' sodisfatta li t-tilwima registrata kienet konnessa mal-pattijiet u kondizzjonijiet ta' l-impjieg tal-haddiema fis-servizz tal-Gvern, hi ma tarax kif tista' tevita l-

konkluzzjoni li tali tilwima kienet tikkwalifika bhala “tilwima tax-xoghol” fit-termini ta’ l-Art. 2 tal-Kap 266.

Dawn il-konsiderazzjonijiet iwasslu pero’ lill-Qorti biss ghall-konkluzzjoni li:-

(a) l-azzjoni li ttiehdet mill-Union appellanti fil-konfront tal-Gvern setghet tigi kwalifikata bhala tilwima ta’ xoghol, kif kontemplat fl-artiklu 2 tal-Kap 266;

(b) illi konsegwentement ma jistax jinghad illi l-azzjonijiet mehuda fil-konfront tas-socjeta’ attrici mill-U.H.M. u li kien ghemil bi hsieb ta’ din it-tilwima ta’ xoghol jew biex din it-tilwima titmexxa ‘il quddiem, kienu llegali u mhux skond il-ligi; u

(c) kien allura jirrizulta rekwizit kontemplat fil-Kap 266 ghal azzjoni mehuda fl-ewwel lok mill-Union konvenuta fil-konfront tal-Gvern, u dan kien jiggustifika l-azzjoni kontra l-Freeport bhala azzjoni sekondarja mehuda “in sympathy”.

Azzjoni sekondarja din kjarament koperta propju bid-definizzjoni tal-kelma “haddiem” ta’ l-Art. 2 tal-Kap 266 li jiddisponi li “haddiem ifisser

individwu li jahdem jew li soltu jahdem jew li jkun qed ifittex ix-xoghol……… u dwar tilwima ta' xoghol li fiha principal ikun parti, "haddiem" tinkludi kull haddiem, ukoll jekk ma jkunx impjegat minn dak il-principal". Li hu essenzjali f'dan il-kaz hu illi l-haddiem impjegat ma' principal iehor ikun jiehu parti f'tilwima ta' xoghol kif definita bl-istess Att, u kif, fic-cirkostanzi taht ezami, jirrizulta li kien il-kaz.

Hu fil-fehma ta' din il-Qorti provat – u dan fil-verita' ma jigix kontestat – illi l-membri ta' l-Union appellanti, mpjegati mas-socjeta' appellata hadu azzjoni ta' simpatija mal-membri ta' l-istess Union appellanti li kienu mpjegti mal-Gvern civili u li mieghu kellhom tilwima ta' xoghol. Stabbilit dan, il-konkluzzjoni kellha necessarjament tkun illi l-Union appellanti, jew ahjar il-membri taghha, impjegati mad-ditta appellata, igawdu mill-immunitajiet kontemplati fl-artikoli taht ezami. Dan naturalment sakemm l-agir u l-komportament taghhom ikun stretament fil-parametri determinati fid-disposizzjonijiet rilevanti tal-Kap 266.

Sa hawn allura l-appell ta' l-Union konvenuta hu sostnut u ghandu jigi milqugh ghaliex din il-Qorti tqis li l-azzjoni industrijali mehuda kienet ittiehdet fil-kontest ta' tilwima ta' xoghol li allura tkun tirrendiha legali skond il-ligi. Una volta dan il-kwezit gie posittivament rizolt, il-Qorti kellha wkoll tinvesti l-kwistjoni jekk azzjonjiet partikolari li ghalihom is-

socjeta' attrici oggezzjonat, setghux fihom infushom jitqiesu illegali inkwantu ma kienux koperti mill-immunitajiet li l-ligi testendi f'kaz ta' azzjonijiet industrijali legittimi. Dan qed jinghad proprju minhabba s-sottomissjoni maghmula mis-socjeta' attrici ribadita fl-ahhar parti tar-risposta taghha ghar-rikors ta' l-appell f'dawn it-termini. "Is-Sur Maurice Agius, fix-xhieda tieghu tad-19 ta' Jannar, 1998, qal li wahda mid-direttivi ta' l-Union kienet "biex nimblukkaw l-entratura tal-Freeport ghaliex ahna la qed johorgu mill-Freeport u lanqas jidhlu fil-Freeport". Dan l-ghemil fih innifsu, anke jekk ghall-grazzja ta' l-argument sar f'kuntest ta' tilwima ta' xoghol, jikkostitwixxi agir illegali u abuziv.

L-artikolu 20 tal-Kap 266 jiddisponi li "kull persuna li bil-hsieb li ggieghel lil xi persuna ohra li ma taghmilx jew li taghmel xi ghemil li dik il-persuna l-ohra ghandha l-jedd bil-ligi li taghmel jew ma taghmilx, bla haqq u minghajr setgha' tal-ligi…………. (d) iccahhad lil dik il-persuna, jew b'xi mod tfixkilha fl-uzu ta' xi ghodod, ilbies jew propjeta' ohra ta' dik il-persuna l-ohra, jew uzati minnha, tkun hatja ta' rejat………" L-imblukkar tal-Gate tal-Freeport biex ma jidhlux jew ma johorgux containers huwa ghalhekk rejat u agir illegali u abuziv. Il-pikkettjar permess bil-ligi "Art. 19 tal-Kap 266 huwa dak li persuni "bil-kwiet jiksbu jew jaghti u xi taghrif, jew bil-kwiet jipperswadu lil xi persuna biex tahdem jew biex ma tmurx ghax-xoghol".

L-imblukkar forzat u vjolenti hu mhux biss anness mill-Union intimata imma hu ampjament provat mid-dokumentazzjoni estensiva sottomessa u mill-atti processwali. Hu wkoll fatt storiku ta' notorjeta' pubblika.

Din il-Qorti taqbel ma' din l-interpretazzjoni cara li s-socjeta' appellata taghti lil din id-disposizzjoni. Din is-sottomissjoni tinkwadra ruhha wkoll fil-premessi fit-talbiet attrici li espressament jidentifikaw din id-direttiva ta' l-imblukkar tal-Gate tal-Freeport bhala wahda illegali u abuziva. Din il-Qorti f'dan l-istadju m'ghandhiex bzonn li tiddefinixxi dan l-element fattwali mehtieg biex jipprova din il-premessa fl-Att tac-Citazzjoni. Ser tissofferma biss fuq l-aspett ta' dritt li dan il-fatt provat jimporta u li jinkwadra ruhu f'dak li l-kontendenti qablu li l-Qorti kellha, f'dan l-istadju, tinvesti u tiddeciedi. Indubbjament l-art. 20 li jivvjeta l-uzu jew it-theddid ta' kull xorta ta' vjolenza minn persuna fuq persuna ohra, maghmula anke fil-kors ta' azzjoni legittima waqt tilwima industrijali, kien jikkonferma bhala rejat kriminali c-cahda jew it-tfixkil fl-uzu tal-proprjeta' ta' persuna ohra. L-imblukkar ta' l-access ghall-Freeport lil kull min ried, xtaq u kellu dritt juza tali access b'mezzi vjolenti, kien allura una volta provat, jikkostitwixxi rejat. Dan necessarjament kellu jwassal ghall-konkluzzjoni illi tali agir illegali u abuziv ma seta' qatt jigi accettat li kien azzjoni jew ghemil maghmul bi hsieb ta' tilwima ta' xoghol jew biex din

it-tilwima titmexxa ‘l quddiem.  Certament il-ligi ma setghat qatt tissanzjona li tilwima ta’ xoghol titmexxa ‘l quddiem bil-mezzi li hi stess kienet tikkwalifika bhala agir kriminuz u rejat punibbli severament. Hu propju hawn fejn l-interpretazzjoni tal-Qorti kellha tkun rigorozament restrittiva ghaliex l-immunita’ moghtija lit-Trade Union u l-membri taghha, tkun direttament  qed timpingi mhux biss fuq il-jeddijiet ta’ terzi, imma wkoll fuq id-drittijiet fondamentali taghhom.

Infatti l-interpretazzjoni restrittiva li l-Qrati kellhom jaghtu tad-disposizzjonijiet tal-Kap 266 li jittrattaw dwar ir-restrizzjonijiet fuq ir-responsabilita’ u procedimenti legali fuq membri ta’ l-Union, kellha wkoll tigi applikata mill-ottika tal-principji kostituzzjonali li jesigu li jkun hemm proporzjonalita’ bejn il-mezz ta’ azzjoni uzat, sanzjonat bil-ligi specjali imma li altrimenti kien ikun meqjuz illegali, li jilledi l-jeddijiet fondamentali ta’ terzi, u l-ghan li ghalih tkun diretta u li jkun irid jigi milhuq.  Anke jekk mhix fil-kompetenza ta' din il-Qorti ordinarja li tippronunzja ruhha fuq il-kostituzzjonalita’  o meno tad-disposizzjonijiet partikolari tal-Kap 266, u tali mertu mhux quddiemha, hi kellha ukoll l-obbligu, bhal kull Qorti ordinarja, li, fl-interpretazzjoni taghha, tiehu kont tal-principji kostituzzjonali korretti applikabbli in materja.

D'dan il-kuntest il-Qorti tirritjeni li hi erronja l-impressjoni li l-Att dwar ir-Relazzjonijijet Industrijali jissanzjona kull xorta ta' illegalita' fl-agir ta' l-Unions u/jew tal-membri taghha sakemm dan ikun f'kontest ta' azzjoni industrijali legittimu, cioe' fil-kors ta' "tilwima ta' xoghol" fid-definizzjoni tal-ligi. Is-subinciz 2 ta' l-art. 17, kif ukoll l-artikoli ohra li jirregolaw l-immunitajiet ta' Trade Unions, Assocjazzjonjiet ta' min ihaddem, u l-membri taghhom, minn azzjonijiet dwar delitti u kwazi delitti kellhom jigu sewwa u korrettement valutati. Hi biss dik l-azzjoni dwar dak li dawn l-artikoli jispecifikaw li "jinqala' minn xi ghemil bi hsieb ta' tilwima ta' xoghol jew biex din it-tilwima titmexxa 'il quddiem", li jgawdi minn tali immunita' (arising from any act done in contemplation or furtherance of a trade dispute)".

Dan ifisser illi l-azzjoni nfisha li kienet altrimenti tkun illegali u li ghaliha l-Union jew il-membri taghha ikunu qeghdin jinvokaw l-immunita', kellha, biex hekk tikkwalifika, tkun diretta u tinvolvi lill-principal u haddiem (mhux necessarjament ta' l-istess azjenda, ghaliex anke "secondary action" kienet tgawdi minn tali immunita, imma mhux necessarjament tertiary action) u ma setghetx u ma kellhiex tkun diretta biex tinvolvi terzi persuni estraneji ghal dik it-tilwima. Altrimenti ma setghax jigi ritenut li tali azzjoni tkun <u>inqalghet</u> min ghemil bil-hsieb ta' tilwima ta' xoghol jew biex din titmexxa 'il quddiem. Dan naturalment ma jfissirx li l-agir in

kwistjoni, sakemm ikun legittimat fit-termini tal-ligi, kien jitlef l-immunita', jekk, bhala konsegwenza tieghu, ibatu t-terzi.

Din il-Qorti allura ittendi ghal interpretazzjoni tal-qrati ngliza u tal-ligi kif kienet qabel ma gie promulgat l-Employment Act fl-1980, fir-rigward tal-frazi "in contemplation or furtherance". Din irriteniet illi kien hemm tlett rekwiziti li kellhom jirrizultaw biex azzjoni tkun konsidrata illi kienet "in contemplation or furtherance" ta' tilwima industrijali. "These were that (a) the action must be taken for the proper motive of pursuing a legitimate trade object, not for some extraneous motive…….(b) the action must not be too "remote" from the centre of the dispute; (c) the action must provide practical support of the trade objective capable of furthering the dispute or achieving that objective". "In Conway vs. Wade, Lord Shaw said "……….the contemplation of such a dispute must be the contemplation of something impending or likely to occur and ……….. (it does) not cover the case of coersive interference in which the intervenor may have in his own mind that if he does not get his own way, he will thereupon take ways and means to bring a trade dispute into existence………. With regards to the term "furtherance" of a trade dispute I think that must apply to a trade dispute in existence, and that the act done must be in the course of it and for the purpose of promoting the interests of either party or both parties to it". (Industrial Law, Smith and Wood, ibid. p. 526 et seq.)

Din il-Qorti ssib din l-interpretazzjoni aktar kongenjali mal-hsieb taghha u mal-konsiderazzjonijiet fuq enuncjati, anke jekk hi konxja li sussegwentement il-gurisprudenza ngliza ma baqghetx daqstant favorevoli ghal involviment tal-Qrati fl-interpretazzjoni ta' dawn it-termini, tant li l-legislatur fir-Renju Unit hass il-htiega li jintervjeni. Din l-interpretazzjoni nfatti twassal ghal konsiderazzjonijiet ohra mportanti, fosthom dik li l-azzjoni li ghaliha tkun qed tigi invokata l-immunita', ma kellhiex tkun motivata unikament bil-ghan li tikkreja dannu lill-principal u b'hekk iggeghlu jcedi ghat-talbiet. Id-danni subiti allura ma kellhomx ikunu rizultat dirett ta' l-azzjoni ta' l-Union u l-membri taghha, maghmula bhala fini fiha nfisha, imma setghu jkunu biss rizultat indirett ta' ghemil mahsub biex titmexxa 'l quddiem it-tilwima industrijali. "The industrial action being taken here is perfectly straightfoward. Industrial action for improved pay…….. It is a national strike. There is no evidence of any independent, let alone predominant desire, to injure the plaintiffs at whose premises they work". (Ronald vs. Baird (Wholesale) Ltd. vs Institute of Professional Civil Service Servants, 1987).

Kienu allura jattiraw l-immunita' dawk l-azzjonijiet delittwuzi jew kwazi delittwuzi li fl-ezekuzzjoni ta' l-ghemejjel maghmula bi hsieb ta' tilwima ta' xoghol jew bil-hsieb li dik it-tilwima titmexxa 'il quddiem, jinkorru

f'illegalita' li altrimenti, kieku ma kienx ghall-immunita' statutorja, kienu jkunu azzjonabbli ghad-danni. Dan dejjem premess li l-ghemejjel ta' l-azzjoni industrijali ikunu legalment proposti fil-kontest ta' tilwima industrijali. Din id-distinzjoni hi fondamentali fl-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet taht ezami. Distinzjoni li twassal biex takkorda l-immunita' lill-azzjoni ta' Trade Union li tipprovoka sitwazzjoni fejn il-kancell ta' fabbrika ma jinfetahx ghax il-haddiema, fuq direttivi ta' l-Union taghhom jiddeciedu li ma jirrapportawx ghax-xoghol, izda ma takkordax l-istess immunita' fejn Union tipprovoka l-istess sitwazzjoni ta' gheluq ta' fabbrika billi tordna lill-haddiema taghha li vjolentement jimpedixxu u jaghlqu l-access ghall-istess fabbrika lil kulhadd. L-istess kif tigi akkordata l-immunita' lill-Union li fil-kors ta' direttiva ta' 'sit-in' incidentalment tikkaguna xi hsara lill-propjeta' tal-principal, pero' tali immunita' ma tigix estiza fil-kaz fejn l-istess membri taghha volutament jaghmlu hsara lill-makkinarju u attrezzi tal-principal, semplicement bhala turija ta' sahha biex iggieghel lill-principal icedi ghad-domandi taghha.

Dawn il-konsiderazzjonjiet iwasslu lill-Qorti ghall-konkluzzjoni li l-imblukkar forzat u vjolenti tal-Gate tal-Malta Freeport, una volta provata, kellha titqies li kienet illegali u abuziva, mhux biss abbazi ta' l-art. 20 ta' l-Att dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali, (Kap 266), imma wkoll abbazi ta' l-interpretazzjoni moghtija minn din il-Qorti lill-art. 17 u 18

invokati mill-istess Union Haddiema Maghqudin bhala gustifikazzjoni ta' l-azzjonijet industrijali taghha b'din l-istanza kontestati.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddisponi mill-appell kif gej:-

1. tilqa' l-aggravju ta' l-Union appellanti fis-sens li tirrevoka s-sentenza appellata inkwantu din iddikjarat illi l-azzjonjiet mehuda fil-konfront tas-socjeta' attrici mertu ta' l-azzjoni ma kienux legali billi ma kienet tezisti ebda tilwima ta' xoghol bejn il-kontendenti, u inkwantu ddecidiet li ghalhekk kien jonqos ir-rekwizit kontemplat fil-Kap 266 ghall-azzjoni mehuda mill-konvenut fil-konfront tal-Gvern, u ghalhekk ma setghax jiggustifika l-azzjoni kontra l-Freeport bhala azzjoni mehuda in sympathy. Sa hawn u f'dan is-sens biss tilqa' l-eccezzjonijiet ta' l-Union konvenuta fir-rigward ta' l-ewwel talba attrici, u sa hawn tichad dik l-istess talba.

2. Tiddikjara li tali decizjoni bl-ebda mod ma tfisser illi ma ttiehdux mill-Union konvenuta appellanti azzjonijiet li setghu kienu fihom infushom illegali kif kien l-imblukkar furzat ta' l-access ghall-Freeport, li, kif fuq konsidrat, ma kienux igawdu mill-immunitajiet kontemplati bl-artikoli 17 u 18 ta' l-istess Kap 266.

Konsegwentement tilqa' l-ewwel talba attrici biss fis-sens li d-direttiva u l-azzjoni ta' l-istess Union fil-konfront tal-kumpanija attrici meta forzatament imblukkat l-access ghall-Malta Freeport, anke jekk mehuda waqt li kienet tezisti tilwima ta' xoghol legittima, a tenur ta' l-Att dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali, kienet wahda illegali u abuziva u skoperta mill-immunitajiet statutorji kontemplati fl-istess Att. L-ispejjez tal-kawza sa issa kellhom, stante in-novita' tal-mertu jigu sopportati bin-nofs bejn il-kontendenti. L-atti qed jigu rimessi lill-ewwel Qorti ghall-kontinwazzjoni.

Dep/Reg

mm